MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Numru 22222/2222

**Il-Pulizija**
(Spettur Joseph Agius)
Ufficcjal ta’ l-Immigrazzjoni
Ghall-Ufficcjal Principali ta’ l-immigrazzjoni
**vs**
**Geoffrey Xuereb**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Geoffrey Xuereb bin Joseph u Doris nee’ Borg ta’ 46 sena imwieled Msida fl 04 ta’ Dicembru 1958 u residenti gewwa ‘Ciel del Bleu’, Triq Ant. Schembri, San Gwann. Detentur tal-Karta ta’ l-identita bin-numru 0063159(M).

Talli:-
F’dawn il-gzejjer nhar it-22 ta’ Frar 2000 gewwa Hal-Luqa u f’postijiet ohra f’Malta impjega jew ta xoghol lill-persuni li ma kienux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja

moghtija lilhom ghal dak  l-impjieg jew xoghol skond id-dispozizzjonijiet tal-kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta jew mod iehor ghen jew assiessta persuni li mhumiex persuni ezenti fl-eghmil ta' reat mahsuba taht l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli bhala persuna responsabbli ta' xoghol li kien qieghed isir gewwa Hal-Luqa impjega persuni li ma kienux cittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficcjali.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi bhala principal jew persuna li impjegat persuni ohra, whole-time, part-time jew xort'ohra b'kuntratt definitt jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz legali 110 tas-sena 1993 (3a u 10).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiza.

1. Mix-xhieda jirrizulta li nhar it-22 ta' Frar 2000 l-akkuzat tella mieghu fil-karozza lil Mehmeneov Sabri Mustafov ta' cittadinanza Bulgara. Dan kien ilu jahdem mieghu ghal xi xahar fuq diversi postijiet minkejja li l-akkuzat ma kellu l-ebda permess mill-Awtorita' li jhaddmu. Dahlu mieghu fuq rakkomandazzjoni ta' xi haddiehor u kien ihallsu. Il-Qorti ma tistax temmen lill-akkuzat li jghid li ltaqa' ma Mustafov hu u sejjer il-mitjar ta' Hal Luqa, rikbu bla ma jafu u qallu li ser jerga jwasslu lura. Fl-ahhar mill-ahhar hu stess jghid li lil minn rikkeb 'gharaf il-vann' (fol 56).

2. L-akkuzat kien inghata kuntratt ghal-kisi ta' bejt fil-mitjar ta' Hal Luqa. Fil-jum fuq imsemmi fil-karozza kellu lix-xhud Emmanuel Farrugia li kien ser jiehdu x'imkien iehor u lix-xhud 'in difesa' Tonio borg li kien ser jahdem mieghu fuq il-bejt. L-akkuzat u Borg dahlu fiz-zona maghluqa b'mod regolari u hallew il-karti ta' l-identita' mas-suldati li kienu ghassa. Mustafov u Farrugia baqghu

barra. Darba gewwa l-akkuzat jew xi hadd iehor nizzel sellum biex jitla Mustafov li ntefa jahdem fuq il-bejt flimkien ma Borg. L-akkuzat hareg imma halla l-karta ta’ l-identita’ mas-suldati: ma talabhiex lura u qal li kien rega’ gej. Is-suldat Anthony Vidolich li xehed b’mod car u li jaf dmiru, intebah wara li hareg Xuereb li fuq il-bejt kien hemm zewg persuni u mhux wiehed. Ix-xhud fisser il-proceduri biex persuni jidhlu fiz-zona maghluqa u l-Qorti tistrieh ghal kollox fuq ix-xhieda tieghu. Vidolich gharraf lil min kien responsabbli. Mustapov instab fuq il-bejt jahdem. Raymond Casha ha lil-Mustapov l-Ghassa tal-Pulizija u bdew il-proceduri.

3. L-akkuzat haddem persuna li ma kinitx cittadin Malti u ma kellhiex permess ghax-xoghol u li kien jaf li qieghed Malta bil-mohbi kif jammetti hu stess.

4. Ir-reat jaqa’ that l-avviz legali 110 ta’ l-1991 kif emendat bl-avviz legali 144 tal-199 artikolu 7 (legislazzjoni sussiddjarja) u that l-artikolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta kif kien fiz-zmien meta twettaq ir-reat billi wara gie mibdul.

5. Rat l-imsemmija avviz legali u artikolu, tikkundanna lil-hati hames mitt lira Maltija (LM500) multa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------